PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10816 – ADNOC / ADQ / RIL / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 345/05)

1. Fl-1 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Abu Dhabi Chemical Derivatives Company RSC Ltd ("TA'ZIZ", l-Emirati Għarab Magħquda), ikkontrollata bi sħab minn Abu Dhabi National Oil Company ("ADNOC", l-Emirati Għarab Magħquda) u Abu Dhabi Developmental Holding Company PJSC ("ADQ", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Reliance Strategic Business Ventures Ltd ("RSBVL", l-Indja), ikkontrollata minn Reliance Industries Limited ("RIL", l-Indja),

— Kumpanija maħluqa ġdida (joint venture, "JV", l-Emirati Għarab Magħquda).

ADNOC, ADQ u RIL se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-funzjoni sħiħa tal-JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ADNOC huwa grupp ta' enerġija u petrokimiċi attiv prinċipalment fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni, il-ħażna, ir-raffinar u d-distribuzzjoni taż-żejt u l-gass, kif ukoll fl-iżvilupp ta' prodotti petrokimiċi,

— ADQ hija kumpanija azzjonista b'investimenti diretti u indiretti f'għadd ta' setturi fl-ekonomija ta' Abu Dhabi, inklużi l-ikel u l-agrikoltura, l-avjazzjoni, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, l-industriji, il-loġistika, il-media, il-proprjetà immobbli, it-turiżmu u l-ospitalità, it-trasport u l-utilitajiet,

— RIL hija attiva f'għadd ta' setturi, inklużi ż-Żejt għal Sustanzi Kimiċi (oil to chemicals, O2C) (inkluż ir-raffinar petrokimiku u l-petrokimiċi), l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass, il-bejgħ bl-imnut, il-media, is-servizzi diġitali u enerġija ġdida.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV b'funzjoni sħiħa f'żona ġdida se jkunu dawn li ġejjin: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' soda kawstika, diklorur tal-etilen (ethylene di-chloride, "EDC") u klorur tal-polivinil (polyvinyl chloride, "PVC") lil ċerti swieq.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10816 – ADNOC / ADQ / RIL / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU L 366, 14.12.2013, p. 5.